MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Numru 275/2005

Il-Pulizija
(Sp Victor Aquilina)
vs
Paul Michael Kavanagh, iben David, imwieled l-Ingilterra fit-18 ta' jannar, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-28 ta' marzu, 2005 għal ħabta tas-6.00 p.m. fi Triq il-Forti, il-Madliena u f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' oġġetti (għamara) tal-valur ta' aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm500) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-lok għad-dannu ta' Carl Von Marcke;
2. talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta'

jannar, 2003 ikkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;
3. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova kontra l-imputat u li minnha tista' tirrizulta xi ħtija. Kwalunkwe kumment ulterjuri huwa żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------